MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 124/2005

**Maltacom plc C 22334**

**vs**

**Franco Arcidiacono (ID 336571M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Jannar 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u tmenin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm380.44) rapprezentanti kont ta' servizz rez telefoniku bin-numru 21576266 kif jirrizulta minn dokumenti annessi markati Dok A u B u dana stante li l-konvenut kien gie nterpellat inutilment;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma mitluba ta’ tliet mija u tmenin lira Malrija u erbgha u erbghin centezmu (Lm380.44) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez ta’ dina l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------